MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2012

Appell Civili Numru. 854/2010/1

**Ambrose Mackay, Jessica Eddelston Mackay u Doris Mackay**

**v.**

**Citadel Insurance p.l.c**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat li pprezentaw l-atturi fis-26 ta' Awwissu, 2010 li jaqra hekk:

"Illi l-atturi huma l-eredi ta' Jesmond Mackay, illi miet fl-eta` ta' hamsa u erbghin (45) sena, u cioe` fis-sitta u

ghoxrin (26) ta’ Awwissu tas-sena elfejn u tmienja (2008) kif jirrizulta mill-anness certifikat tal-mewt immarkat bhala ‘Dok. A’;

“Illi l-istess Jesmond Mackay kien inghata self minghand is-socjeta` ‘Bank of Valletta plc’, liema self kien jammonta ghas-somma komplessiva ta' tlieta u tmenin elf tal-Lira Maltija antika (Lm83,000) ekwivalenti ghal mija u tlieta u disghin elf, tliet mija u seba’ u tletin Lira u disgha u disghin centezmu (€193,337.99);

“Illi dan is-self kien jikkonsisti f’*overdraft account* li kien jammonta ghas-somma ta’ ghaxart elef Lira Maltin (Lm10,000 ekwivalenti ghal €23,293.73), *loan account* li kien jammonta ghas-somma ta’ tmintax-il elf Lira Maltin (Lm18,000 ekwivalenti ghal €41,928.72), *loan account* li kien jammonta ghas-somma ta’ hmistax-il elf Lira Maltin (Lm15,000 ekwivalenti ghal €34,940.60) u *loan account* ta’ erbghin elf Lira Maltin (Lm40,000 ekwivalenti ghal €93,174.93) (ara dokument anness u mmarkat bhala ‘Dok. B’);

“Illi biex inghata dan is-self, il-Bank of Valletta plc ta struzzjonijiet lil Jesmond Mackay sabiex jottjeni polza ta’ assigurazzjoni ossija *life policy* u dan sabiex din il-polza taghmel tajjeb fost l-ohrajn f’kaz li huwa jigi nieqes;

“Illi Jesmond Mackay kien talab u nhargitlu polza ta’ assigurazzjoni mis-socjeta` konvenuta ‘Citadel Insurance plc’, nhar is-6 ta' Frar, 2008, liema polza ghandha r-referenza ‘DT65000211’ u liema certifikat tal-polza ta' assigurazzjoni qed jigi esebit u mmarkat bhala ‘Dok. C’;

“Illi din il-polza kienet tassigura fost ohrajn illi f’kaz li Jesmond Mackay jigi nieqes, is-socjeta` konvenuta thallas lill-Bank of Valletta plc il-bilanc kollu dovut mill-imsemmi Mackay;

“Illi s-socjeta` konvenuta, issa li Jesmond Mackay gie nieqes, qed tirrifjuta li thallas il-bilanc dovut lil Bank of Valletta plc ghas-self li kien sar lill-istess Jesmond Mackay;

“Illi s-socjeta` konvenuta qed tirrifjuta li thallas l-ammont dovut, billi qed issostni li Jesmond Mackay kellu mard jew kundizzjoni jew kundizzjonijiet ta’ sahha li naqas li jinfurmaha bihom meta talab li jinhargulu l-polza in dizamina;

“Illi l-allegazzjonijiet tas-socjeta` konvenuta huma lkoll inveritiera, anzi Jesmond Mackay kien b’sahhtu fiz-zmien meta nhargitlu l-polza tal-assigurazzjoni msemmija, kif ser jigi pruvat waqt is-smiegh u t-trattazzjoni tal-kawza;

“Illi minkejja li giet interpellata diversi drabi anke permezz ta' ittra ufficjali tas-sebgha (7) ta’ Lulju tas-sena elfejn u disgha (2009), is-socjeta` konvenuta baqghet tirrifjuta li thallas il-bilanc dovut lill-Bank of Valletta plc (ara dokument anness u mmarkat bhala ‘Dok. D’);

“Illi minhabba n-nuqqas tas-socjeta` konvenuta li tonora l-polza tal-assigurazzjoni fuq il-hajja in dizamina, ir-rikorrenti qed isofru danni konsistenti f’imghax li qieghed u ser jibqa jiddekorri fuq l-ammont dovut lill-Bank of Valletta plc;

“Illi l-atturi jafu personalment b’dawn il-fatti kollha.

“Tghid ghalhekk is-socjeta` konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex, prevja kull dikjarazzjoni li hija thoss tkun opportuna fic-cirkostanzi:

“1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-polza tal-assigurazzjoni fuq il-hajja ossija *life policy* mahruga mis-socjeta` konvenuta, datata s-6 ta’ Frar, 2008 bin-numru ‘DT65000211’, fuq il-hajja ta’ Jesmond Mackay hija assolutament valida *ai fini* u l-effetti kollha tal-ligi;

“2. Tiddikjara u tiddeciedi illi Jesmond Mackay kien kopert permezz tal-polza tal-assigurazzjoni fuq il-hajja in dizamina;

“3. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-sojceta` konvenuta bhala socjeta` assigurattiva ghandha l-obbligu

tonora l-polza ta’ assigurazzjoni fuq il-hajja in dizamina, inkluz li thallas lil Bank of Valletta plc is-somma dovuta minn Jesmond Mackay ghas-self hekk kif kopert mill-imsemmija polza ta’ assigurazzjoni;

“4. Tillikwida l-ammont dovut lill-Bank of Valletta plc okkorrendo bin-nomina ta’ perit nominandi;

“5. Tordna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-Bank of Valletta plc l-ammont hekk likwidat in forza tal-polza tal-assigurazzjoni fuq il-hajja in dizamina;

“6. Tiddikjara u tiddeciedi li s-socjeta` konvenuta hija responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi konsistenti f’imghax li qieghed u ser jibqa jiddekorri fuq l-ammont dovut lill-Bank of Valletta plc;

“7. Tillikwida d-danni hekk sofferti mill-atturi okkorrendo bin-nomina ta' perit nominandi;

“8. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-atturi d-danni hekk likwidati fis-seba’ talba.

“Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tas-socjeta` konvenuta ghas-subizzjoni.”

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:

“1. Illi preliminarjament, inkwantu l-polza ta’ assigurazzjoni inkwistjoni nghatat b’rahan favur il-Bank of Valletta plc bhala kreditur tar-rikorrenti relattivament ghas-self li sar mill-imsemmi bank favur il-mejjet Jesmond Mackay, u inkwantu l-istess bank bhala kreditur li favur tieghu nghata rahan igawdi d-dritt li jezercita kull ghazla ta’ min jaghti r-rahan taht il-polza u dan a tenur tas-subartikolu (4) tal-Artikolu 1712M tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta), u ad eskluzjoni ta’ min jaghti r-rahan, ir-rikorrenti, bhala l-eredi ta’ min ta r-rahan inkwistjoni, ma kellhomx interess guridiku jippromwovu l-kawza odjerna.

"2. Illi preliminarjament ukoll, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, anke jekk jirrizulta illi r-rikorrenti kellhom interess guridiku jippromwovu l-kawza odjerna, it-talbiet taghhom huma legalment insostenibbli stante illi qeghdin isiru a beneficcju ta' terza persuna li m'hijiex parti fil-kawza.

"3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi ma hu dovut ebda ammont lir-rikorrenti taht il-polza ta' assigurazzjoni inkwistjoni billi l-istess polza ta' assigurazzjoni hija nulla u bla effett billi l-mejjet Jesmond Mackay ma ddikjarax u/jew heba fatti materjali u sostanzjali u/jew irraprezenta fatti li kienu foloz fil-*proposal form* u fil-perjodu ta' qabel ma giet fis-sehh il-polza ta' assigurazzjoni inkwistjoni, u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

"4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-mejjet Jesmond Mackay kiser wahda mill-principji fundamentali fil-kamp tal-assigurazzjoni, dak tal-*uberrimae fidei* u b'hekk is-socjeta` intimata m'hijiex tenuta taghmel pagament.

"5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat illi b'verbal registrat fl-udjenza tat-23 ta' Novembru 2010 quddiem l-ewwel Qorti, sar qbil li tinghata sentenza fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta;

Rat is-sentenza preliminari moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-1 ta' Lulju 2011, li in forza taghha cahdet l-ewwel zewg eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta u ordnat it-tkomplija tas-smiegh, bl-ispejjez marbuta ma' dak l-episodju thallashom is-socjeta` konvenuta;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"7. L-ewwel eċċezjoni hija mibnija fuq l-art. 1712M tal-Kodiċi Ċivili, li fil-parti relevanti tiegħu jgħid hekk:

““**1712M.** (4) Bla ħsara għal kull dritt preċedenti, il-kreditur li favur tiegħu jsir ir-rahan ta’ polza ta’ l-assigurazzjoni għandu jgawdi d-drittijiet kollha tad-detentur ta’ polza li jirċievi avviżi taħt il-polza, li jirċievi kull rikavat tal-polza, meta dan ikun dovut, meta jimmatura jew ma’ ċediment iktar kmieni u d-dritt li jeżerċita kull għażla ta’ min jagħti r-rahan taħt il-polza, ħlief għat-tismija ta’ benefiċjarju, … … …”

“8. Ma huwiex kontestat illi l-polza hija mirhuna lil *Bank of Valletta p.l.c.*

“9. Is-soċjetà konvenuta qiegħda tgħid illi huwa *Bank of Valletta p.l.c.* biss li seta’ jagħmel din l-azzjoni għall-ħlas tal-polza, preżumibilment għax li tmexxi b’din l-azzjoni hija “għażla” taħt il-polza illi issa, bis-saħħa ta’ din id-dispożizzjoni tal-liġi, tmiss mhux li min ta r-rahan, *i.e.* l-atturi, iżda lill-bank, li lilu ngħata r-rahan.

“10. Fil-fehma ta’ din il-qorti, biex tagħti interpretazzjoni tajba ta’ din id-dispożizzjoni, trid qabel xejn tifhem ir-raġuni għaliha. Ir-raġuni hija l-ħarsien tal-jedd tal-kreditur li ma jarax il-ħaġa mirhuna – u għalhekk il-garanzija tiegħu għall-ħlas tal-kreditu – tispiċċa fix-xejn għax is-sid tal-polza jagħmel “għażla” li ma tkunx kompatibbli ma’ dak il-jedd. Fid-dawl ta’ dan, l-eċċezzjoni tal-konvenuta kien ikollha meritu li kieku l-atturi talbu illi l-ħlas taħt il-polza jsir lilhom. L-atturi iżda qegħdin jitolbu illi l-ħlas isir lill-bank kreditur, biex hekk jitwettaq il-għan aħħari tar-rahan, li hu illi jitħallas id-dejn. F’dan ma hemm xejn inkompatibbli mal-jedd tal-kreditur; anzi, huwa t-twettiq tal-għan aħħari tiegħu.

“11. Ma ninsewx ukoll illi l-konvenuta ifformulat l-eċċezzjoni bħala waħda ta’ nuqqas ta’ interess ġuridiku. Ċertament ma jistax jingħad illi l-atturi, bħala debituri tal-bank, ma għandhomx interess illi d-dejn jitħallas biex b’hekk jinħelsu mill-obbligazzjoni. Għalkemm il-ħlas isir lill-bank, jiġi benefikat ukoll il-patrimonju tal-atturi għax jinħeles minn passiv. Dan huwa interess biżżejjed biex l-atturi jistgħu jmexxu b’din l-azzjoni.

"12. L-ewwel eċċezzjoni hija għalhekk miċħuda.

"13. Dan li għadu kemm ingħad dwar l-ewwel eċċezzjoni huwa raġuni biex tiġi miċħuda wkoll it-tieni eċċezzjoni, li fiha l-konvenuta qiegħda tgħid illi t-talbiet tal-atturi ma jistgħux jintlaqgħu għax qegħdin isiru għall-benefiċċju ta' terza persuna li ma hijiex parti fil-kawża. It-talbiet, kif rajna, qegħdin isiru għall-benefiċċju tal-atturi wkoll għax jekk isir il-ħlas lill-bank taħt il-polza, l-atturi jieħdu l-benefiċċju li jinħelsu mid-dejn.

"14. It-tieni eċċezzjoni wkoll hija għalhekk miċħuda.

"15. Fid-dawl ta' dak li jgħid l-art. 1149(1) tal-Kodiċi Ċivili[1], il-bank ma jistax jirrifjuta l-ħlas li jsirlu mill-konvenuta u għalhekk il-preżenza tiegħu f'din il-kawża ma hijiex meħtieġa. Madankollu, billi l-bank ukoll għandu interess fl-eżitu, huwa xieraq illi jiġi notifikat bl-atti biex, jekk jidhirlu, jintervjeni *in statu et terminis*. Għalhekk tordna notifika tal-atti lil *Bank of Valletta p.l.c."*

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti joghgobha:

"…thassar u tirrevoka s-sentenza in parte tal-ewwel (1) ta' Lulju, tas-sena elfejn u hdax (2011) fl-ismijiet premessi, u filwaqt li tilqa' l-ewwel zewg eccezzjonijiet tas-socjeta` assigurattrici appellanti, tichad it-talbiet rikorrenti appellati fl-intier taghhom, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess rikorrenti."

Rat ir-risposta tal-atturi li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu sabiex din il-Qorti joghgobha tichad l-eccezzjoni relattiva tas-socjeta` konvenuta, bl-ispejjez kontra l-imsemmija socjeta`;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

[1] **1149.** (1) Il-kreditur ma jistax jirrifjuta ħlas li toffri lilu terza persuna, jekk il-ħlas ikun ta' vantaġġ għad-debitur.

Ikkunsidrat;

Illi din hi kawza marbuta ma’ polza ta’ assigurazzjoni li nharget fuq il-hajja ta' Jesmond Mackay, l-awtur tal-atturi, liema polza inghatat b’rahan lill-Bank of Valletta plc bhala garanzija ghal self li kiseb dan Jesmond Mackay minghand l-istess bank. Wara l-mewt tal-imsemmi Jesmond Mackay, l-atturi talbu lis-socjeta` assigurattrici biex ihallsu r-rikavat taht il-polza lill-Bank of Valletta ghas-saldu tal-flus dovuti in rifuzjoni tas-self; is-socjeta` konvenuta qed tirrifjuta li taghmel dan peress li qed tallega li l-assigurat kellu mard jew kundizzjoni ta’ sahha li ma gharrafhiex biha meta talab il-hrug tal-polza. L-atturi fethu dawn il-proceduri fejn talbu lis-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lill-Bank of Valletta plc is-somma dovuta.

In linea preliminari, is-socjeta` konvenuta eccepiet illi la darba l-polza ta’ assigurazzjoni tinsab b’rahan f'idejn il-Bank, huwa dan il-Bank biss li seta’ jaghmel talba ghall-hlas tal-polza, u dan ai termini tal-Artikolu 1712M tal-Kodici Civili.

L-ewwel Qorti ma accettatx din is-sottomissjoni bazata, kif inhi, fuq nuqqas ta’ interess guridiku, ghalkemm ordnat li l-atti jigu notifikati lill-bank biex, jekk jidhirlu, jintervjeni *in statu et terminis*.

Wara li s-socjeta` konvenuta ottjeniet permess mill-ewwel Qorti biex tressaq appell fuq din il-kwistjoni, l-istess socjeta` resqet dan l-appell fejn qed titlob lil din il-Qorti tirrevedi s-sentenza tal-Qorti, bl-insistenza illi la darba l-beneficjarju tal-polza huwa l-Bank of Valletta plc, huwa biss dan li ghandu l-interess guridiku mehtieg biex jippromwovi kawza ghall-hlas.

Din il-Qorti analizzat il-kuncett ta’ rahan. Ir-rahan jinholoq meta debitur ta’ obbligazzjoni jghaddi xi haga lill-kreditur biex dan izomm dik il-haga bhala garanzija tal-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni. Il-gurista <u>Francesco Ricci</u> (“Corso

Teorico – Pratico di Diritto Civile", Vol. IX) jispjega f'paragrafu 264, illi:

"*Il pegno attribuisce al creditore un diritto reale sulla casa che ne costituisce l'oggetto, il quale non e` altro che il diritto di essere pagato con privilegio sul prezzo ritratto dalla vendita del pegno stesso. Questo dirrito reale importa uno smembramento del diritto di dominio spettante al proprietario, in quanto questi si priva di una parte del dominio, rinunciando al diritto di disporre liberamente della casa che gli appartiene, per trasferirla nel creditore.*"

Minn hawn johrog li mal-ghoti tar-rahan, id-debitur jibqa proprjetarju tal-oggett, izda jitlef pro tempore d-disponibilita` tal-haga li, taht forma jew ohra tkun fil-'pussess' tal-kreditur. La d-debitur ma ghandux id-disponibilita` tal-oggett, ma jistax jagixxi fil-konfront tal-haga, b'mod li jkun ta' hsara ghall-istess oggett, u ma jista' jaghmel xejn b'mod intenzjonali li jnaqqas jew igib fix-xejn il-valur ta' dak l-istess oggett.

L-istess Ricci, f'paragrafu 288, jghid li:

*"Il creditore ha diritto alla ritenzione del pegno. Il debitore non puo` pretendire la restituzione del pegno, se non dopo di avere interamente pagato il capitale, gl'interessi e le spese del debito, per sicurezza del quale e` stato dato il pegno."*

La darba il-kreditur ghandu dritt ta' ritenzjoni fuq l-oggett moghti lilu b'rahan, id-debitur irid jiehu l-passi mehtiega biex jikkonserva l-istat ta' dak l-oggett, u ma jistax jiznaturahulu. Fil-kaz in subjecta materja, kif jghid l-Artikolu 1712M tal-Kodici Civili, indikat fis-sentenza tal-ewwel Qorti, il-kreditur "igawdi d-drittijiet kollha" li qabel kien igawdi d-detentur ta' polza ta' assigurazzjoni, inkluz li jircievi kull rikavat tal-polza, meta dan ikun dovut, meta jimmatura, li jfisser li d-debitur ma jista' jaghmel xejn li jtellef minn dawn id-drittijiet li jgawdi l-kreditur bis-sahha tal-ligi. Infatti, l-istess Ricci jkompli jghid, f'paragrafu 194, illi:

*"Il debitore, se vuole, puo` pagare; ma non volendo o non potendo pagare, non puo` impedire al creditore l'esercizio del suo diritto consistente nella ritenzione del pegno sino al totale pagamento."*

Id-drittijiet tad-debitur fuq il-haga moghtija b'rahan huma, ghalhekk, limitati, pero`, f'kaz ta' oggett li ghandu l-forma ta' kreditu, id-debitur ghandu, fl-istess hin, interess jara li d-debitur ta' dak il-kreditu jonora l-obbligazzjoni tieghu biex hu jkun jista' jehles mir-responsabbilita` tieghu versu l-kreditur tieghu. Hu ghalhekk li din il-Qorti, fil-kawza **Calleja v. Middlesea Valletta Life Assurance Co. Ltd**, f'sentenza li tat fit-2 ta' Marzu 2010, kienet qalet li, f'kuntest simili, l-eredi ghandhom l-interess jesigu li l-hlas taht polza ta' assigurazzjoni jsir u jinghata lill-kreditur garantit b'rahan. Din il-Qorti kienet ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

*"Fil-fehma tal-Qorti l-atturi ghandhom kull interess li jigi dikjarat li s-socjeta` konvenuta ghandha tonora u taghmel tajjeb, anke abbazi tal-fatt li l-assikurazzjoni harget fuq il-hajja ta' Mario Calleja, ghad-dejn li fadal bl-obbligazzjoni minnha assunta. Dan huwa r-rizultat vantaggjuz jew utili li dina l-azzjoni tista' tipproduci ghall-atturi. Dan hu l-interess leġittimu tal-atturi bazat fuq id-dritt taghhom li jezigu li s-socjeta` konvenuta tonora l-obbligi taghha taht iz-zewg poloz li nhargu, appuntu biex jaghmlu tajjeb ghas-self li ha Mario Calleja. Fic-cirkostanzi ta' dana l-kaz, il-konsegwenza legali f'kull kaz u inevitabilment se tkun l-istess, dejjem jekk il-poloz huma validi, billi s-socjeta` konvenuta se thallas biex taghmel tajjeb ghad dejn dovut lill-Bank sa l-ammont assikurat fuq il-poloz. B'dana l-mod jigu evitati moltiplikazzjoni ta' kawzi u spejjez zejda u inutili. Ghalhekk l-aggravju tal-atturi huwa gustifikat u qed jigi milqugh."*

B'azzjoni simili, id-debitur ma jkunx qed igib fix-xejn l-oggett tar-rahan, izda tali azzjoni tidhol fil-mansjonijiet tieghu ta' konservazzjoni tar-rahan, biex jara li l-kreditu jigi realizzat a sodisfazzjon tal-kreditur pignoratrici.

F’dan il-kaz, is-socjeta` konvenuta qed tirrifjuta li thallas taht il-polza, u l-kreditur tal-atturi, il-Bank of Valletta plc, ma jidhirx li ha xi passi biex jesigi l-hlas, avvolja huwa dover tieghu li jara li dan isir. L-awtur Francesco Galgano (“Diritto Privato”, CEDAM 70 Ediz. 1992) jghid f’pagna 374, illi:

*“Diverso discorso vale per il pegno di crediti (che e` garanzia frequentemente richiesta dalle banche che finanziano imprese contro pegno dei loro crediti verso i clienti). Qui il creditore pignoratizio e` tenuto, alla scadenza, a riscoutere il credito: tratterra` quanto a lui dovuto e, quindi, versera` l’eventuale eccedenza al proprio debitore (Art. 2803). Percio` il pegno di crediti implica anche un mandato a riscuotere il credito del proprio debitore.”*

Il-Bank of Valletta plc, milli jidher, naqas milli jwettaq dan l-obbligu impost fuqu, u l-atturi ghandhom interess li l-hlas relattiv isir kemm jista’ jkun malajr, anke biex ma jibqghux jiddekorru interessi bla bzonn. Il-kawza kif maghmula, intiza biex is-socjeta` konvenuta thallas lill-bank imsemmi taht il-polza hi, ghalhekk, fic-cirkostanzi, wahda li tista’ tkompli timxi.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mis-socjeta` konvenuta, is-socjeta` Citadel Insurance plc, billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez marbuta ma’ dan l-episodju jithallsu mis-socjeta` konvenuta appellanti.

Il-Qorti tordna li l-atti jigu rinvjati lill-ewwel Qorti biex din tkompli tisma’ l-kaz skont il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------